**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Supretendent Martin Bayliss)

**vs**

**Darren Galea**

Illum 16 ta` Frar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Darren Galea ta` 19 il-sena, bin John u Helen nee` Mifsud imwieled Pieta` fl-14 ta` April 1981 u joqghod Iris House, Triq il-Kanoniku Bonnici, Hamrun, ID 182881 M;

1. Talli fis-6 ta` Mejju 2000, f`xi hin bejn is-1.00 pm. u t-3.00 pm., minn triq it-tamar il-Qawra ikkommettew serq ma persuna ohra mhux maghrufa, ta` vettura tal-ghamla Mazda 626 li ghandha n-numru tar-registrazzjoni LAJ-263, propjeta` ta` Stephen victor Saliba mill-Qawra, u liema vettura hija stmata li tiswa

iktar minn Lm1,000 izda inqas minn Lm5,000, ghad-dannu tal-istess Stephen Victor saliba, u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur.

2. Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew straw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat u cioe` vettura tal-ghamal Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni LAJ-263 propjeta ` ta` Stephen Victor Saliba mill-Qawra.

3. Talli fis-7 ta` Mejju 2000, f`xi hin wara nofs il-lejl, waqt li kienu gewwa l-vettura tal-ghamla Mazda 626 bin-numru tar-registrazzjoni LAJ-263 gewwa ta` Zepita, l-Imtahleb, limiti tar-rabat, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, zammew f`xi fond, armi tan-nar, u munizzjoni, jew kellhom f`idejhom jew fuqhom, armi tan-nar jew munizzjoni u cioe` zewg snieter tal-marka Luigi Franchi u Beretta izda mhux f`fond jew f`post li jaghmel mieghu.

4. Talli gew fil-pussess ta` armi tan-nar, u cioe zewg snieter tal-marka Luigi Franchi u Beretta u liema snieter ghandhom in-numru tas-serje imhassar minn fuqhom u munizzjon xort`ohra milli b`licenzja u naqsu li minufih jghatu avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Talli kienu flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, komplici fid-delitti ta` serq u ricettazzjoni ta` vettura,

kif ukoll pussess u kontroll ta` armi tan-nar, u munizzjon minghajr licenzja, billi xjentement ghinu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti, fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkonsmati jew xewxu lil haddiehor, inkella sehhet il-vo,onta` taghhom sabiex jaghmlu id-delitti imsemmija, ta` serq, ricettazzjoni, u pussess illegali ta` armi tan-nar u munizzjon.

6. Talli fis-7 ta` Mejju 2000, ghall-habta tas-2.00 pm., fid-Depot tal-Pulizija il-Furjana, fil-pubbliku qal xi kliem oxxen, jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni.

7. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament fid-Depot tal-Pulizija, l-Furjana, kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

8. Talli fis-7 ta` Mejju 2000, kif ukoll qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu li nstabet fil-vettura amministrata minnu ta` l-ghamla Vauxhall Nova, li ghandha in-numru tar-registrazzjoni IAD-302 ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li fis-seduta tas-16 ta` Jannar 2002 l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba konrih.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 262 (1)(a)(b); 263 (a); u 267 tal-Kapitolu 9, l-Aritkolu 3 (1) u 9 (1) tal-Kapitolu 66, l-Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 u 338 (d)(d) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 8A tal-Kapitolu 101.

Rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 stante l-eta` tal-hati u b`tama li jaqbad triq ohra.

Ghalhekk issibu hati u **tikkundannah sentejn (2) prigunerija, liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghal prigunerija fi zmien tlett (3) snin mill-lum.**

Il-Qorti qed taghti lil hati it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja (ft) Dr Joseph Cassar

L Spiteri Bailey (Dep Reg) MAGISTRAT